**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 287/15 AL

**AB**
**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (Certifikat taz-Zwieg anness mmarkat Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw fis-sbatax (17) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) b'kuntratt redatt minn Nutar William Azzopardi (Kuntratt anness mmarkat Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

Illi l-partijiet, fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni rrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin u ghaldaqstant m'hemm l-ebda pretenzjonijiet pendenti rigward manteniment;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara :

1) Illi fl-ewwel lok, l-esponenti zzewget lir-rikorrenti fis-17 ta' Lulju tas-sena 2004 u konsegwentament huma sseparaw fis-17 ta' Gunju tas-sena 2011, permezz ta' kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar William Azzopardi;
2) Illi fit-tieni lok, minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u ghalhekk m'hemmx kwistjonijiet li jikkoncernaw manteniment ta' minuri;
3) Illi fit-tielet lok, l-esponent taqbel mal-kontenut tar-Rikors Promutur u min-naha taghha tiddikjara li hija favur li z-zwieg *de quo* jigi xolt b'permezz ta' divorzju;
4) Illi l-esponenti thoss illi m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
5) Illi stante li l-kontendenti partijiet ilhom ghal aktar minn erbaċ (4) snin legalment separati minn ma' xulxin, kif ukoll li huma kienu irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, jigi umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iz-zwieg tal-kontendenti partijiet jigi xolt b'permezz ta' divorzju;

Ghaldaqstant, u in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li m'ghandha l-ebda

eccezzjoni xi tressaq f'dan ir-rigward, salv li tixtieq li ma tinkorrix spejjez relatati mal-proceduri odjerni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Gunju 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.